# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 395/2022 MS*

**Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappresentanza ta' AIG Europe S.A. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Timothy David Staff u Timothy David Staff**

**Vs.**

**Clyde Joseph Pace u għal kull interess li jista' jkollha Sheron Pace**

Illum, 21 ta' Novembru, 2024

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-11 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu, wara li huma ppremettew hekk:

Illi l-esponenti Timothy David Staff jirrisjedi ġewwa Earl's Court, Flat 2, Triq Wied il-Kappara Gżira, liema proprjeta' hija assigurata mis-soċjetà esponenti Montaldo Insurance Agency Limited taħt polza ta' assigurazzjoni *Advantage Home Policy* bin-numru 933 407 001;

Illi l-intimati jirrisjedu ġewwa l-fond sottostanti l-fond tal-esponenti Timothy David Staff, u ċioe il-fond numru 72, 'Our Dream' Triq Wied il-Kappara c/w Triq Nazju Ellul, Gżira;

Illi l-intimati wettqu xogħolijiet ġewwa l-fond tagħhom liema xogħolijiet kkawżaw ħsarat u danni fil-fond sovrastanti tal-esponenti Timothy David Staff, hekk kif ġie ċċertifikat mill-Perit AIC Robert Cassar f'relazzjoni datata 10 ta' Novembru 2020 'Dok. A' u mill-Perit Alfred Grech f'relazzjoni datata 30 ta' Ġunju 2021 hawn annessa u mmarkata 'Dok. B';

Illi sal-lum, ir-rikorrenti ġia ħallsu s-somma ta' €17,899.07 għad-danni li ġarrab Timothy David Staff fil-proprjetà tiegħu, u ċioe danni riżultanti konsegwenzjali għax-xogħolijiet li saru fil-fond sottostanti mill-intimati, u dan kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;

Illi f'laqgħa li saret fil-15 ta' Jannar, 2021 fil-fond tar-rikorrenti flimkien mal-intimat Clyde Pace u l-perit tiegħu Perit Arielle Agius, Clyde Pace stqarr li jekk il-ħsara fil-fond tar-rikorrenti hija r-responsabbiltà tiegħu, huwa se jħallas għall-istess ħsara. Madanakollu, l-esponenti ma setgħux jispezzjonaw ix-xogħlijiet li saru mill-intimati fil-proprjetà tagħhom biex jikkonkludu jekk ir-rikorrenti jistax isofri aktar ħsara fil-proprjetà tiegħu fil-futur, u dan peress li l-intimati rrifjutaw id-dħul lill-perit u lil-*loss adjuster* tar-rikorrenti fil-proprjetà tagħhom;

Illi barra minn hekk, minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex l-intimati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' konsegwenzjali danni sofferti mill-esponenti, anke permezz tal-ittra uffiċjali numru 6/2021 datata 5 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet 'Timothy David Staff v Clyde Pace' hawn annessa u mmarkata 'Dok. C', l-intimati baqgħu inadempjenti;

Illi għalhekk l-esponenti kienu kostretti li jipproċedu bil-kawża odjerna;

Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment

komplew billi talbu lill-Qorti, prevja l-provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni;

1. Tiddikkjara illi l-esponenti sofrew danni fil-fond 'Earl's Court', Flat 2, Triq Wied il-Kappara Gżira minħabba ix-xogħolijiet imwettqa mill-intimati fil-fond 72, 'Our Dream' Triq Wied il-Kappara c/w Triq Nazju Ellul, Gżira;

2. Tikkonferma l-ammont ta' €17,899.07 mħallas mir-rikorrenti bħala danni sofferti minn Timothy David Staff fil-fond 'Earl's Court', Flat 2, Triq Wied il-Kappara Gżira minħabba x-xogħolijiet imwettqa mill-intimati fil-fond 72, 'Our Dream', Triq Wied il-Kappara c/w Triq Nazju Ellul, Gżira;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti kemm fl-ammont ta' €17,899.07 mħallas mis-soċjeta' esponenti Montaldo Insurance Agency Limited u minn Timothy David Staff oltre ammont ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida bħala danni u dana bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu is-somma €17,899.07 oltre danni oħra likwidati minn din l-Onorabbli Qorti kif kontemplat fit-talba preċedenti;

   Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 6/2021 datata 5 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet 'Timothy David Staff v Clyde Pace' u interessi legali, kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata mressqa mill-konvenuti fid-9 ta' Ġunju 2022[1], li permezz tagħha huma eċċepew hekk:

   1. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta' assikurattrici rikorrenti huma preskritti ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

   2. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta' assikurattrici rikorrenti ghandha tippova l-hlasijiet li allegatament ghamlet lill-assikurati taghha kif ukoll is-surroga relattiva;

   3. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni preliminarjament ukoll is-socjeta assikurattrici rikorrenti ghandha tipprova li l-istess hlasijiet li allegatament ghamlet lill-assikurati taghha kienu ai termini u fil-limiti tal-poloz tal-assikurazzjoni relattivi;

[1] Fol.23.

4. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, u dan ghaliex kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti ma humiex responsabbli bl-ebda mod ghad-danni illi allegatament sofrew l-istess rikorrenti;

5. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-eccezzjonijiet l-ohra fir-rigward tat-talbiet attrici kif dedotti kontra l-intimati konjugi Pace, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kemm ghaliex l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront taghhom mir-rikorrenti mhumiex veritjeri, kif ukoll apparti dan ghaliex skond ir-rapport maghmul mill-Perit Arkitett Arielle Agius il-hsarat riklemati mill-atturi ma jistghux jigu attribwiti biss ghax-xoghlijiet maghmula mill-intimati konjugi Pace izda huwa evidenti li tqeghid tal-madum fl-apartament tar-rikorrenti Timothy David Staff ma sarx skond is-sengha u l-arti;

6. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ammont rikjest mir-rikorrenti huma ezagerati

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

5. Illi din hija kawża preżentati mill-atturi kontra l-konvenuti għar-riżarċiment ta' ħsara li l-istess atturi jgħidu ġiet kaġunata b'konsegwenza ta' xogħlijiet magħmula mill-konvenuti fil-proprjetà tagħhom.

6. Il-fatti rilevanti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

7. L-attur Staff kien jabita fl-appartament internament numerat tnejn (2) u formanti parti mill-kumpless ta' bini magħruf bl-isem "Earl's Court" fi Triq Wied il-Kappara fil-Gżira.

Dan l-appartament kien assikurat mal-attriċi[2]. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, għandhom il-proprjetà sottostanti dik tal-attur, u ċjoè l-fond bin-numru tnejn u sebgħin (72), magħruf ukoll bl-isem "Our Dream", fi Triq Wied il-Kappara kantuniera ma' Triq Nazju Ellul, fil-Gżira.

8. Il-konvenuti wettqu xi xogħlijiet fil-fond tagħhom, u l-atturi jgħidu li b'konsegwenza ta' dawn ix-xogħlijiet, il-proprjetà tal-attur ġarrbet ħsarat. Ix-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti kienu jikkonsistu mill-ftuħ ta' xi ħitan interni, kif ukoll mill-ftuħ u għeluq ta' xi bibien interni u tal-bieb ta' barra[3], u kienu ġew approvati permezz tal-permess ta' żvilupp bin-numru PA/03127/17[4].

9. Minn rapport imħejji mill-Perit Robert Cassar[5], inkarigat mill-attur, u datat 10 ta' Novembru 2020, jirriżulta li din il-ħsara kienet tikkonsisti minn ħsarat diversi fil-madum tal-proprjetà tiegħu, bħal formazzjoni ta' ħanek, qlugħ ta' *skirting* u nuqqas ta' livellar, kif ukoll minn konsenturi fil-ħitan. Il-Perit Cassar attribwixxa r-raġuni għal dawn il-ħsarat għax-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, u stma il-valur tat-tiswijiet fis-somma ta' €10,000.

10. L-atturi jgħidu li minkejja li l-konvenut kien iddikjara li jekk il-ħsara seħħet bi ħtija tiegħu, huwa kien se jagħmel tajjeb, dan irrifjuta li jagħti aċċess lill-perit u rappreżentanti oħrajn tagħhom biex jispezzjonaw ix-xogħlijiet minnhom eżegwiti[6]. Il-perit inkarigat mill-attriċi spezzjona biss l-appartament tal-attur, u permezz ta' rapport datat 30 ta' Ġunju 2021[7], stma x-xogħlijiet rimedjali fl-ammont ta' €7,929.16. Dan il-perit, fir-rapport tiegħu, attribwixxa l-ħtija għall-ħsarat kemm lix-xogħlijiet eżegwiti mill-konvenuti kif ukoll lill-fatt li l-madum tal-attur kien tqiegħed mill-ħaddiema mqabbdin minnu snin qabel fuq torba bi ħxuna ta' 50cm u ma sar ebda saff tal-konkrit bħala sodda għall-istess madum. Il-perit inkarigata mill-konvenuti attribwiet il-ħtija tal-ħsarat unikament lill-mod kif tqiegħed il-madum fil-proprjetà tal-attur[8].

---

[2] Fol.223-269.
[3] Ara x-xiehda tal-Perit Arielle Agius, minn fol.131-132.
[4] Fol.146.
[5] Kopja eżebita a fol.5, u kkonfermata bil-ġurament, a fol.104.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.57-58.
[7] Fol.11.
[8] Fol.27.

11. Irriżulta li l-attur kien xtara l-proprjetà tiegħu fl-14 ta' Jannar 2003, u dan fi stat ta' ġebel u saqaf[9]. Il-finituri fl-appartament saru kollu mill-attur jew minn persuni mqabbdin minnu. Hu xehed li dawn il-finituri kienu lesti għal Settembru 2003, f'liema żmien daħal jgħix fl-appartament, u qatt ma kien hemm problemi fl-istat jew fil-kondizzjoni ta' dawn il-finituri qabel ma nbdew ix-xogħlijiet fil-proprjetà tal-konvenuti f'April 2018. L-attur xehed li qabel bdew ix-xogħlijiet, il-Perit Arielle Abdilla[10] inkarigata mill-konvenuti spezzjonat il-proprjetà tiegħu u sabitha f'kondizzjoni tajba[11], u għalhekk il-ħsarat seħħew b'konsegwenza tax-xogħlijiet. L-ewwel konsenturi bdew jidhru f'Mejju 2018, u l-attur minnufih għarraf b'dan lill-konvenut, li bagħat lill-perit tiegħu biex tivverifika. Fil-bidu t'Awwissu 2018, il-konvenut bagħat ħaddiem biex isewwi l-ħsarat li sa dak iż-żmien kienu jinkludu biss il-konsenturi.

12. Matul ix-xahar t'Awwissu 2020 u ċjoè madwar sentejn wara, il-ħsarat fil-madum u konsenturi oħrajn bdew jimmanifestaw ruħhom. Għalhekk l-attur kellem lill-assikuratur tiegħu, ċjoè l-attriċi, u qabbad perit. Sadanittant il-ħsara bdiet tinfirex aktar, u kien hemm bnadi fejn il-madum inqala'. Peress li l-konvenuti ma resqux biex jirrimedjaw għall-ħsara, l-attur għamel it-tiswijiet hu stess matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2021. Dawn ix-xogħlijiet swewh b'kollox €17,568.36, u l-attur nefaq ukoll €354 bħala onorarju dovut lill-perit tiegħu[12].

13. Jirriżulta mill-provi li l-attriċi ħallset indennizz lill-attur. Dan l-indennizz tħallas mill-attriċi lill-attur fi tliet pagamenti, u ċjoè: (i) €4,000 imħallsa fit-30 t'Awwissu 2021[13]; (ii) €3,000 imħallsa fl-10 ta' Jannar 2022[14]; u (iii) €3,318 imħallsa fit-8 t'Awwissu 2022[15]. Fid-29 ta' Lulju 2022, saret skrittura bejn l-atturi li biha l-attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-attur fl-ammont ta' €10,318.54[16].

---

9 Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur, a fol.56.
10 L-attur jgħid li kunjom il-perit tal-konvenuti huwa Abdilla, imma aktarx dan hu żball u l-kunjom korrett huwa Agius.
11 Kopja tar-rapport dwar din l-ispezzjoni ġie eżebit a fol.134. Fih jingħad li ġew osservati xi konsenturi fil-kċina u fis-salott (*living room*).
12 Ara fol.81, u l-kopji tal-irċevuti fil-folji segwenti.
13 Fol.200.
14 Fol.199.
15 Fol.198.
16 Fol.202.

14. L-attur Staff interpella lill-konvenut jersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni b'ittra uffiċċjali tal-5 ta' Jannar 2021[17]. Billi l-kwistjoni baqgħet ma ġietx risolta, saret din il-kawża.

15. Sabiex jassistiha f'din il-kawża, il-Qorti ħatret perit tekniku li ġabar ukoll xi provi, żamm aċċess u rrelata b'rapport li ġie minnu preżentat fis-27 ta' Frar 2024 u maħluf fl-20 ta' Marzu 2024[18]. Ħadd ma eskuta l-perit tekniku u ma saret ebda talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali.

Ikkunsidrat:

16. Illi l-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

17. Illi l-Qorti jidhrilha li dina l-eċċezzjoni ma tistax tiġi akkolta, fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti, fis-sitt eċċezzjoni tagħhom, jgħidu li l-ammont mitlub mill-atturi huwa eżaġerat. Huwa konsistentement miżmum li eċċezzjonijiet fis-sens li t-talba tal-attur hija eżaġerata (ara, per eżempju, ***Guido J. Vella A.&C.E. vs. Dr. Emanuel Cefai, LL.D***, Appell Superjuri, 5/10/2001; ***Aluminium Limited vs. Earli Limited***, Appell Superjuri, 16/2/2004) jew ineżatta (ara, per eżempju, ***Patrick Staines noe vs. Charles Falzon et noe***, Prim'Awla, 3/10/2002; ***Maltacom plc vs. John Scriha***, Prim'Awla, 30/4/2003), jew inkella fejn il-konvenut ma jiċħadx li huwa debitur imma jikkontesta l-ammont (ara, per eżempju, ***Alfred Cauchi et vs. Joseph Xuereb et***, Prim'Awla, 9/10/2003; ***Peter Busuttil vs. Public Broadcasting Services Limited***, Appell Inferjuri, 28/4/2004) jew isostni li għandu jkun hemm tpaċija għaliex l-attur huwa debitur tiegħu (ara, per eżempju, ***Eucharistico Gauci vs. Jesmond Borg et***, Appell Inferjuri, 14/7/2004), huma lkoll inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u jwasslu għar-rinunzja tagħha. Dan jgħodd anki fejn dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet jingħataw bla ħsara jew bla preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fid-deċiżjoni ***Felice Fenech vs. Carmelo Bellia*** (Prim'Awla, 29/1/1960)[19] intqal:

[17] Fol.19.
[18] Fol.289.
[19] Kollezz. Vol.XLIV.ii.519.

> Illi konsegwentement il-konvenut, bl-atteġġjament tiegħu stess, ma jistgħax jopponi iżjed il-preskrizzjoni tal-kreditu tal-attur. Xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni opponiha in subordine u bla preġudizzju tal-eċċepita preskrizzjoni, in vista tal-prinċipju "protestatio contra factum non relevat"; u bil-fatt tiegħu stess il-konvenut ġie rrinunzja għall-preskrizzjoni, u għalhekk ma setgħax isalvaha b'sempliċi riserva.

18. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

19. Illi bit-tieni u bit-tielet eċċezzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jinsistu li l-atturi għandhom iressqu prova tas-surroga magħmula bejniethom kif ukoll li l-ħlasijiet magħmula mill-assikuratriċi kienu fit-termini u fil-limiti tal-polza.

20. Il-Qorti jidhrilha li dawn l-eċċezzjonijiet irriżultaw infondati wara li ġew eżebiti d-dokumenti relattivi mill-atturi, u li għalihom diġà saret riferenza aktar qabel f'din is-sentenza.

21. Għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet ukoll se jiġu miċħuda.

Ikkunsidrat:

22. Niġu issa għall-meritu.

23. L-atturi jgħidu li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni li seħħew fil-proprjetà tal-attur.

24. Il-ħtija ċivili ta' persuna li titnissel minn fatt jew omissjoni mwettqa lil'hinn mill-kuntest ta' rabta kuntrattwali hija msejħa ħtija akwiljana, u tiġi determinata skont l-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, li japplikaw għal kull sitwazzjoni bħal dik, b'mod ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħidu hekk:

> 1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

> 1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.
>
> 1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.

25. Issa fil-każ ta' ħsara li tiġi kaġunata fi proprjetà b'konsegwenza ta' xogħlijiet eżegwiti mis-sid ta' proprjetà kontigwa, ġie dejjem miżmum li l-attur irid f'kull każ juri li jikkonkorru ċ-ċirkostanzi li minnha titnissel il-ħtija ċivili. «*Meta jsir xi xogħol ta' kostruzzjoni f'post viċin u in konsegwenza il-fond adjaċenti jsofri xi danni il-fatt biss li sar xi xogħol fil-post viċin mhux biżżejjed biex il-proprjetarju ta' dan il-post jiġi ritenut responsabbli għad-danni in konfront tas-sid tal-post l-ieħor. Din il-persuna tista' tiġi ritenuta responsabbli għad-danni kwante volte din kellha xi ħtija. Minn dan joħroġ li bejn id-danni kawżati u l-proprjetarju tal-fond viċin irid ikun hemm ness ġjuridiku. Infatti kull persuna għandha d-dritt li tirranġa u timmeljora l-proprjetà tagħha biex hija tkun tista' tgawdiha aħjar. Għalhekk l-artikolu 1073*[20] *tal-Kodiċi Ċivili jgħid li kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu*»[21]. Fl-istess sens huma d-deċiżjonijiet ***Henry Gatt vs. Charles Camilleri*** (Prim'Awla, 28/1/2004) u ***Charles Conti et vs. Valent Xuereb*** (Prim'Awla, 8/3/2005). U huwa paċifikament riċevut li sabiex titnissel din il-ħtija ċivili, huwa meħtieġ li «... *vi ha la violazione di un dovere, od una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene...*»[22].

26. Il-perit tekniku, fir-relazzjoni dettaljata tiegħu, spjega kif fil-fehma tiegħu il-ħsarat li mmanifestaw ruħhom minn Awwissu tas-sena 2020 'il quddiem kienu l-konsegwenza tat-tqegħid difettuż tal-madum fil-proprjetà tal-attur, u mhux tax-xogħlijiet eżegwiti

[20] Illum l-artikolu 1030.
[21] ***Dottor John Cesareo M.D. et vs. Francesco Sciberras et*** (Prim'Awla, 23/1/1980 – mhux pubblikata).
[22] ***Pubblio Azzopardi vs. Antonio Arcicovich ed altri*** (Appell Superjuri, 14/11/1919 – Kollezz. Vol.XXIV.i.172).

mill-konvenuti. Fil-qosor, il-perit tekniku fisser li wasal għal din il-konklużjoni abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

- illi mhux possibbli li l-ħsara fil-madum, li kieku tassew kienet konsegwenza tax-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, tidher aktar minn sentejn wara t-tmiem tax-xogħlijiet;
- illi din il-ħsara seħħet ukoll fi bnadi li ma kienux sovrastanti l-proprjetà tal-konvenuti imma proprjetà ta' terzi li fiha ma sarux xogħlijiet;
- illi l-madum tal-attur ġie mqiegħed fuq għoli eżaġerat ta' torba;
- illi l-ħsara fil-fond tal-attur tant kienet drastika li kieku seħħet minħabba x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, kien ikun il-każ li jkun hemm ħsarat anki fil-proprjetajiet sovrastanti l-fond tal-attur kif ukoll fil-proprjetà tal-konvenuti stess, imma xejn minn dan ma jidher li ġie rilevat.

27. Il-Qorti tirrileva li skont l-artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: «*Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha*». Fir-rigward ġie riċentement imtenni fid-deċiżjoni ***Gheiti & Sons Ltd vs. Perit Arkitett Colin Zammit et*** (Appell Superjuri, 11/4/2024):

> 21. Hekk ukoll, il-perizja teknika għandha fiha nnifisha piż probatorju li ma jistax jiġi mwarrab kif ġieb u laħaq. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti trid tkun waħda infurmata sew u trid tkun ukoll imsejsa fuq raġunijiet li jpoġġu f'dubju serju l-fehma teknika li tkun ġiet mressqa quddiemha millesperti mqabbda minnha (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Asset Investments Ltd v. Awtorità tad-Djar*** tat-13 ta' Ottubru, 2022, kif ukoll dik fl-ismijiet ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia proprio et nomine*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023).
>
> 22. Barra minn hekk, din il-Qorti ttenni li huwa minnu illi bis-saħħa talArtikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzjoni u Proċedura Ċivili, l-Ewwel Qorti għandha l-fakultà illi ma taċċettax il-konklużjoni tal-periti tekniċi kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u dan irrispettivament mill-fatt jekk saritx ħatra ta' periti addizzjonali (ara s-sentenzi deċiżi minn din il-Qorti fl-ismijiet ***AIC David Xuereb proprio et nomine v. Tom Jansen et*** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2023 u dik fl-ismijiet ***Nathalie Bartolo v. Id-Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et***, deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023).

> 23. Madankollu, sabiex l-Ewwel Qorti tasal ma taċċettax ilkonklużjonijiet tar-rapport tal-perit ġudizzjarju, dan ma jistax isir b'mod leġġer jew kappriċċuż, anzi jingħad illi jekk il-Qorti jkollha konvinzjoni kuntrarja, din għandha tkun mgħarrfa tajjeb biżżejjed u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu nieqsa mill-konsiderazzjonijiet tal-aspett tekniku tal-materja taħt eżami (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Josephine Azzopardi pro et noe et v. Carmelo Borg et*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2023, kif ukoll ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2021), jekk le jkun bil-wisq prużuntuż għall-ġudikant li jaġixxi mod ieħor.

28. Huwa wkoll prinċipju miżmum kostantement fil-ġurisprudenza li: «*In ġenerali tajjeb ukoll li jiġi rilevat illi għalkemm hu veru li fid-dritt (artikolu 681 Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) l-Qorti mhiex marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha ("dictum expertorum numqum transit in rem judicatam") u l-konklużjonijiet peritali huma bħal materjali istruttorji oħrajn kontrollabbli mill-ġudikant, b'dana kollu "il giudizio dell'arte" espress mit-tekniku ma jistax u m'għandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakoltà lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment ammenokkè ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklusjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli*»[23].

29. Issa fil-każ odjern ma ġiet mogħtija ebda raġuni – wisq anqas raġuni persważiva – għaliex din il-Qorti għandha tiskarta l-fehmiet esposti mill-abbli perit tekniku. Dawn il-fehmiet ġew esposti abbażi ta' kostatazzjonijiet fattwali u tekniċi li huma minnhom infushom koerenti u li l-Qorti m'għandha ebda diffikultà biex taddottahom u tagħmilhom tagħha. Bħall-perit tekniku, l-Qorti hija konvinta li l-ħsara li ma ġietx rimedjata mill-konvenuti f'Awwissu 2018 u li dehret biss f'Awwissu 2020 ma kinitx il-konsegwenza diretta u mmedjata tax-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, imma kienet konsegwenza tal-fatt li l-persuna nkarigata mill-attur għat-tqegħid tal-madum ma ħadimx kif tiddetta s-sengħa u l-arti. Konsegwenzi allura li l-konvenuti m'humiex obbligati li jagħmlu tajjeb għalihom, la darba mill-atti hija nieqsa kwalsiasi prova li

---

[23] ***Giswarda Bugeja et vs. Emanuele Muscat et*** (Appell Superjuri, 23/6/1967) – Kollezz. Vol.LI.i.389.

b'xi mod turi li huma ma mxewx bil-prudenza, bid-diliġenza, u bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni;

(ii) tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti;

(iii) tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti;

(iv) tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi;

(v) tordna li l-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati in kwantu għal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-konvenuti solidalment bejniethom, u in kwantu għar-rimanenti erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-atturi solidalment bejniethom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur